KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 07

**It-Tnejn 28 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 07.1 Qari tal-Apoloġiji

07.1.1 Is-SE informa li kien hemm ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Antoine Vella

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

07.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 6 li kienu meqjusa moqrija

07.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 07.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

07.3.1 Is-Sindku informa li fid-29 ta' Novembru ser issir mixja sabiex nagħtu bidu għal-ġimgħa ddedikata lid-diżabilita.

## 07.4 Party tal-Milied ghat-tfal

07.4.1 Is-Sindku propona sabiex isir party għal-Milied għat-tfal. Id-data ta' dan il-party hija il- 21 ta' Diċembru fil-1700. Dan ser isir fil-visitors centre u l-prezz ser jkun ta' Eur 5. Dawk kollha interessti għandhom jibbukjjaw skond il-poster.

07.4.2 Il-Kunsilliera qabblu li dan għandu jsir.

## 07.5 Harġa għal-Presepji

07.5.1 Is-Sindku nforma li l-Kunisill ser jorganizza ħarġa għal-presepji nhar is-16 ta' Dicembru 2024. Il-prezz se jkun dak ta' Eur 8 b'waqfa għal-żewġ pastizzi u belgħa te. Ir-rotta għadha trid tiġi deċiża.

07.5.2 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jsir.

## 07.6 Solar Lights Triq Dar il-Kaptan

07.6.1 Il-Kunsill qabel li għandna nkelmu lil-IM sabiex nirranġaw din il-ħsara.

## 07.7 Tiżjin Shelter

07.7.1 Is-SE informa li ser jitqabbad persuna teknika sabiex naraw x'tiżjin jixtraq għax-shelter dan sabiex nkunu nistgħu nibdew nagħmlu użu mil-fond mogħddi lilna mir-Reġjun Tramuntana.

07.7.2 Il-Kunsill qabel li l-ewwel li għandna nagħmlu d-dwal u ddiskutejna li għandhom jinxtraw 3 Search Lights rechargable.

## 07.8 Dawl 27 ta' April

07.8.1 Il-Kunsill iddiskuta id-dawl fi Triq 27 ta' April u ddeċieda li għandna nibgħatu email lil IM sabiex jerġgħu jagħmlu kollox kif kien. Il-problema kienet saret meta intmesset il-biċċa ta' isfel fit triq u għaldaqstant il-Kunsill m'ghandux ibgħati l-konsegwenzi a skapitu ta' ħaddieħor.

07.8.2 Il-Kunsill qabel li s-SE ghandu jibgħat email lil-IM.

## 07.9 Bankini fil-Lokal

07.9.1 Is-Sindku spjega kif hawn bosta bankini fil-lokal li waslu sabiex jitranġaw. Hawnhekk il-Kunsill qabel sabiex nitkellmu mal-Public Works sabiex dawn isiru.

## 07.10 *Punti oħra*

07.10.1 Is- SE nforma lil-Kunsill li s-Sur Roderick Debono kien tefa ir-riżenja tiegħu u għaldaqstant kien se jibda l-proċess sabiex jimtela l-post vakanti.

07.10.2 Il-Kunsillier Anton Mifsud spjega kif hemm periklu biex toħroġ minn Triq l-istazzjoni u ssuġġerixxa sabiex naraw hux possibbli li jkun hemm uffiċċjal ta' TM mis-07.00 sa 08.00.

07.10.3 Ma kienx hemm qbil fuq il-manutenzjoni ta' fuq il-garaxxijiet ta' Binja Qlejha u ghaldaqstant il-Kunsill ma qabilx li għandu jkaħħal dan hu peres li dan mhux responsabbilta tal-Kunsill Lokali.

## 07.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

07.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 05/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 07.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

07.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| Dale Hayman | Shawn Tanti |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |